

32004L0059

L 120/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.4.2004

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/59/KE

tat-23 ta' April 2004

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/643/KEE dwar il-livelli massimi tal-fdalijiet tal-bromopropilat iffissati mid-direttiva

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar li jiġu ffixsati l-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti ta' oriġni mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2002 ta' Novembru 2002 li jestendi l-perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jirrigwarda n-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I ma' din id-Direttiva u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi⁽²⁾, jippermetti lil ċerti Stati Membri li jżommu fis-seħħ, sat-30 ta' Ġunju 2007, awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi, li għalihom jipprovdi n-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE⁽³⁾.
- (2) Il-livelli massimi tal-fdalijiet (MRL) jirriflettu l-użu tal-kwantitajiet minimi tal-pestiċidi għalbiex tinkiseb protezzjoni effettiva għall-pjanti, applikata hekk illi l-ammont tal-fdal ikun l-iżgħar prattikabbli u jkun aċċettabbli tossikoloġikament, b'mod partikolari fit-teħid dietarju smat.
- (3) Il-MRL huma ffixsati fil-limitu iktar baxx ta' l-istabbilizzazzjoni analitika meta l-użi awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx fl-livelli li jistgħu jingħarfu tal-fdal tal-pestiċidi ġewwa jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew meta ma jkun hemm ebda użi awtorizzati, jew meta l-użi li jkun għew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux ġew appoġġjati bl-informazzjoni meħtieġa, jew meta l-użi f'pajjiżi terzi li jirriżultaw fi fdalijiet ġewwa jew fuq il-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunux ġew appoġġjati minn din l-informazzjoni meħtieġa.

- (4) Il-MRL għall-pestiċidi għandhom jinżammu taħt rivista. Jistgħu jiġu mibdula għalbiex iqisu użi, tagħrif u informazzjoni ġodda
- (5) It-tagħrif dwar l-użi essenzjali fil-kwadru tad-Direttiva 91/414/KEE ġie nnotifikat lill-Kummissjoni rigward il-bromopropilat. It-tagħrif jipprovdi bażi adegwata għal stima tat-teħid mill-konsumaturi Ewropej.
- (6) L-awtorizzazzjonijiet tal-bromopropilat iridu jiġu rtirati l-iktar tard sal-31 ta' Lulju 2007. Filwaqt li jitqies iż-żmien li jittieħed għalbiex il-fdalijiet tal-bromopropilat iħallu l-katina ta' l-ikel, huwa approprjat illi jiġu rivisti l-MRL temporanji relatati ma' dawn l-użi essenzjali l-iktar tard sal-31 ta' Diċembru 2008.
- (7) Ġiet stmata u vvalutata l-esposizzjoni tul il-ħajja tal-konsumaturi għall-bromopropilat permezz tal-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom il-fdalijiet ta' dan il-pestiċida. Ġie kkalkolat illi l-MRL ijiet kif emendati jridu jiżguraw illi ma jinqabiżx it-teħid ta' kuljum aċċettabbli.
- (8) Ġiet stmata u vvalutata l-esposizzjoni akuta tal-konsumaturi għall-bromopropilat permezz tal-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom il-fdalijiet ta' dan il-pestiċida. Ġie kkalkolat illi l-MRL kif emendati jridu jiżguraw illi ma tinqabiżx id-doża akuta tar-riferiment.
- (9) Għalhekk huwa approprjat li jiġu emendati l-livelli massimi tal-fdalijiet tal-bromopropilat.
- (10) Id-Direttiva 90/642/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq.
- (11) Il-miżuri pprovdu f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

(¹) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, pġ. 71. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/2/KE (ĠU L. 14, ta-21.1.2004, pġ. 10).

(²) ĠU L 319, tat-23.11.2002, pġ. 3. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1336/2003 (ĠU L 187, tas-26.7.2003, pġ. 21).

(³) ĠU L 230, tad-19.8.1991, pġ. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/20/KE (ĠU L. 70, tad-9.3.2004, pġ. 32).

Il-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi għall-bromopropilat fl-Anness II mad-Direttiva 90/642/KEE huma mibdula b'dawk fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw mhux iktar tard mill-24 ta' Ottubru 2004 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għalbiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-disposizzjonijiet u tabella tal-korrelazzjoni bejn dawn id-disposizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet l-iktar tard sal-25 ta' Ottubru 2004.

Meta L-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewliena fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
Il-Bromopropilat	
1. Il-frott, frisk, immixxef jew mhux imsajjar, ippriservat bil-konġelazzjoni, li ma jkunx fih zokkor miżjud; il-ġewż	
i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU	2 (†)
Il- <i>Grapefruit</i>	
Il-Lumi	
L-Ixkomb	
Il-Mandolin (inklużi l-klementina u ibridi oħra)	
Il-Larinġ:	
Il-Pomelos	
Oħrajn	
ii) IL-ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew mingħajr il-qoxra)	0,05 (*)
Il-Lewż	
Il- <i>Brażil nuts</i>	
Il- <i>Cashew nuts</i>	
Il-Qastan	
Il-Ġewż ta' l-Indi	
Il-Ġellewż	
Il- <i>Macadamia</i>	
Il- <i>Pecan nuts</i>	
Iż-Żerriegħa tal-Prinjol	
Il-Pistaċċi	
Il-Ġewż	
Oħrajn	
iii) IL-FROTT TAL-POMA	2 (†)
It-Tuffieħ ta' Belludja	
Il-Lanġas	
L-Isfarġel	
Oħrajn	

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
	Il-Bromopropilat
iv) IL-FROTT TA' L-GĦADMA	0,05 (*)
Il-Berquq	
Iċ-Ċirasa	
Il-Ħawħ (inklużi n-nettarin u ibridi simili)	
L-Għanbaqar	
Oħrajn	
v) IL-BERRIESU FROTT ŻGĦIR	
a) L-Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	2 (†)
L-Għeneb tal-mejda	
L-Għeneb ta' l-inbid	
b) Il-Frawli (għajr dak selvaġġ)	0,05 (*)
c) Il-Frott tal-Qasab (għajr dak selvaġġ)	0,05 (*)
It-Tut	
Iċ-Ċawwli l-iswed	
Il-Loganberries	
Il-Lampun	
Oħrajn	
d) Frott żgħir ieħor u berries (għajr daww selvaġġi)	0,05 (*)
Il-Bilberries	
Il-Cranberries	
Il-Passolina (ħamra, sewda u bajda)	
Il-Gooseberries	
Oħrajn	
e) Il-Berries selvaġġi u l-frott selvaġġ	0,05 (*)
vi) MIXXELLANJI	0,05 (*)
L-Avokado	
Il-Banana	
It-Tamal	
It-Tin	
Il-Kiwi	

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
	Il-Bromopropilat
Il-Kumquat	
Il-Litchi	
Il-Mango	
Iż-Żebbuġ	
Il-Passion Fruit	
L-Ananas	
Ir-Rummien	
Oħrajn	
2. Il-Ħxejjex ta' l-ikel, friski jew mhux imsajra, ikkonġelati jew imnixxfa	
i) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-GĦERUQ U TAT-TUBERI	0,05 (*)
Il-Pitravi	
Iz-Zunnarija	
Iċ-Ċelerjakk	
L-Għerq tal-mustarda	
L-Artiċokk	
Iz-Zunnarija bajda	
L-Għeruq tat-tursin	
Ir-Ravanell	
Is-Sassefrika	
Il-Patata ħelwa	
Il-Lift Żvediż	
Il-Lift	
Il-Yam	
Oħrajn	
ii) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-BASLA	0,05 (*)
It-Tewm	
Il-Basal	
Ix-Xalott	
Il-Basal aħdar	
Oħrajn	

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
	Il-Bromopropilat
iii) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-FROTT	
a) Is-Solanaċja	
It-Tuffieħ tadam	1 (†)
Il-Bżar	
Il-Brunġiel	
Oħrajn	0,05 (*)
b) L-Għeruq tal-qara' tal-fliexken — il-qoxra li tittiekil	0,05 (*)
Il-Ħjar	
Il-Gherkin	
Il-Qarabagħli	
Oħrajn	
c) L-Għeruq tal-qara' tal-fliexken — tal-qoxra li ma tittekilx	0,05 (*)
Il-Bettieħ	
Il-Kukurbit	
Id-Dullieħ	
Oħrajn	
d) Il-Qamħirrum ħelu	0,05 (*)
iv) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-BRASSIKA	0,05 (*)
a) Il-Brassika tal-fjuri	
Il-Brokkoli (inkluża l-Pastarda Kalabriża)	
Pastard	
Oħrajn	
b) Il-Brassika tar-ras	
Il-Brussels sprouts	
Il-Kaboċċa tar-ras	
Oħrajn	
c) Il-Brassika tal-weraq	
Il-Kaboċċa Ċiniża	
Il-Kale	
Oħrajn	
d) Il-Ġidra	

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
	Il-Bromopropilat
v) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ĦWAWAR FRISKI	0,05 (*)
a) Il-Ħass u simili	
Il-Krexxun	
Il-Ħass ta' <i>Lamb</i>	
Il-Ħass	
Is-Scarole (l-Indivja tal-werqa wiesgħa)	
Oħrajn	
b) L-Ispinaċi u simili	
L-Ispinaċi	
Il-Weraq tal-pitravi (<i>chard</i>)	
Oħrajn	
c) Il-Krexxun ta' l-ilma	
d) Il-Witloof	
e) Il-Ħwawar friski	
Il-Maxxita	
Il-Kurrat	
It-Tursin	
Il-Weraq tal-Krafes	
Oħrajn	
vi) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-LEGUMI (friski)	
Il-Ful/Fażola (bil-fosdqa)	1 (†)
Il-Ful/Fażola (mingħajr il-fosdqa)	
Il-Piżelli (bil-fosdqa)	
Il-Piżelli (mingħajr il-fosdqa)	
Oħrajn	0,05 (*)
vii) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAZ-ZOKK (friski)	0,05 (*)
L-Asparagu	
Il-Kardun	
Il-Krafes	
Il-Bużbież	

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
	Il-Bromopropilat
Il-Qaqoċċ	
Il-Kurrat	
Ir-Rabarbru	
Oħrajn	
viii) IL-FUNĠI	0,05 (*)
a) Il-Faqqiegħ ikkultivat	
b) Il-Faqqiegħ selvaġġ	
3. Il-Ħxejjex tal-miżwed	0,05 (*)
Il-Ful/Fażola	
Il-Lentikki	
Il-Piżelli	
Oħrajn	
4. Iż-Żerriegħa taż-żejt	0,1 (*)
Iż-Żerriegħa tal-kittien	
Il-Karawett	
Iż-Żerriegħa tal-Peprin	
Iż-Żerriegħa tal-Ġunġlien	
Iż-Żerriegħa tal-Ward tax-Xemx	
Iż-Żerriegħa tal-Lift	
Iż-Żerriegħa tas-Soya	
Iż-Żerriegħa tal-Mustarda	
Iż-Żerriegħa tal-Qoton	
Oħrajn	
5. Il-Patata	0,05 (*)
Il-Patata bikrija	
Il-Patata tal-ħażna	

"Il-Gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom il-MRLijiet ikunu japplikaw	Il-Fdal tal-pestiċida u l-livell massimu tal-fdalijiet (mg/kg)
	Il-Bromopropilat
6. It-Te (il-weraq immnixxa u z-zkuk immnixxa, iffermentati jew inkella, il- <i>Camelia sinensis</i>)	0,1 (*)
7. Il-Ħopp (immnixxef), inkluż il-gerbub tal-ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat	0,1 (*)

(*) Jindika l-limitu iktar baxx ta' l-istabbilizzazzjoni analitika
 (†) Tindika illi l-livell massimu ġie stabbli b'mod temporanju sal-31 ta' Diċembru 2008 sabiex jakkomoda użu essenzjali skond ir-Regolament 2076/3003/KE."